# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI.

17 ta' Jannar, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
Joseph U. Vassallo *versus* Paolo Pace

**Libell — "Fair Comment" — Diffamazzjoni.**

*Addebitu kontenut f'artikolu publikat f'ġurnal huwa inġurjuż, jekk jagħmel ħsara fl-unur u r-riputazzjoni tal-persuna li għalih huwa dirett, u mhux sempliċi komment u opinjoni fuq xi fatti msemmijin fl-artikolu.*

*Imputazzjoni ta' fini egoistiċi u opportuniżmu hija inġurjuża, u, jekk ma tkunx bażata fuq il-verità, tikkostitwixxi diffamazzjoni.*

Fuq l-akkuża tal-kwerelant, talli l-kwerelat, fl-aħħar tliet xhur ta' qabel il-kwerela, fil-Hamrun u fi bnadijiet oħra, u preċiżament fil-ħarġa tal-ġurnal "Patria", li hu editur tagħha, tas-Sibt, 2 ta' Settembru 1950 (numru 166 serje 11), ippublika jew ippermetta li jiġi publikat artikolu taħt it-titolu "Hawda........, bid-Dgħajsa", iffirmat mill-psewdonimu "Deffusi" (paġina 4), u fil-paragrafu li jibda bil-kliem "Chemm f'dakka wahda sar bravu J.G. Vassallo........" u jispiċċa bil-kliem "........... li ilahhkuh Profs. fl-Università", inġurja u offenda l-unur, il-ġieħ u r-riputazzjoni tal-kwerelant, u waqqgħu għad-disprezz tal-publiku, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-21 ta' Ottubru 1950, wara li rat l-art. 15 (a) tal-Kap. 117, sabet lill-kwerelat ħati skond l-akkuża u kkundannatu għal £6 multa u għall-ħlas ta' l-ispejjeż kollha;

Il-kwerelat appella quddiem dina l-Qorti minn dik is-sentenza;

Il-Qorti semgħet bil-ġurament il-kwerelant u xhud, rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet l-avukati:

Irriżulta li l-kwerelat appellant huwa l-Editur tal-gazzetta "Patria", fejn, fil-ħarġa tat-2 ta' Settembru 1950, fl-ewwel kolonna tar-raba' paġina, fl-artikolu msejjaħ "Hawda.......... bid-Dgħajsa", deher stampat u publikat bl-ortografija proprja ta' dik il-gazzetta, dan li ġej:— "Chemm f'dakka wahda sar

bravu J.G. Vassallo, nuejjeg ta l'iscantament! Min jafu fil-G.W.U. chellu idea tieghu ta' bniedem li ftit li xejn ħabbel rasu għall'impiegati li suppost chien jirrappresenta, imma li chien ħsiebu biss li isiefer minn fuk dahar il-membri tal-G.W.U. u bil-fondi ta' l-istess Union. Irnexxielu. Mar l'Inghilterra bil-flus tal-membri, dam sena jew inqas, u hej giena Professur! Mela, f'dakka uahda J.G. Vassallo sar it-titoli colħa li hemm fuk bla ma lankas biss katt mar Università jew għadda xi esami bhal Matricola jeu għall'inkas Oxford, jeu bla ma katt chellu xi certificati ta' xejn. Ma chienx cuntent; chif gie Malta ried isir Professur ta' l'Economia fl'Università floc il mejjet u mibchi Profs Anastasi Pace. Ma għamluhx. Imma hu ma katax kalbu. Daħal fil-politica ma Boffa u hiereg candidat, bl'idea naturalment, opportunistica bhal tal-maggioranza tal-Boffisti, li ilaħħkuh Profs fl'Università";

F'dan il-paragrafu l-artikolist attribwixxa liil-kwerelant il-fatt li xejn ma ħabbel rasu għall-impjegati li suppost kien jirrappreżenta fil-General Workers' Union, u attribwielu wkoll sekondi fini egojistiċi fil-kondotta tiegħu publika u semi-publika, billi qal li ħsiebu kien biss li jsiefer minn fuq dahar il-membri tal-General Workers' Union u bil-fondi ta' dak l-Union, u li daħal fil-politika u kien ħiereġ kandidat fl-elezzjoni parlamentari b'opportuniżmu, biex jiġi mlaħħaq professur fl-Università;

L-ewwel addebitu huwa ċertament ingurjuż, għax jagħmel ħsara fl-unur, l-istima u r-riputazzjoni tal-kwerelant, li kien jokkupa l-karika ta' Segretarju tal-Government Section tal-General Workers' Union, u mhuwiex sempliċi komment u opinjoni fuq xi fatti msemmija fl-artikolu kriminat, b'mod li min jaqrah jindunа faċilment li dak mhuwiex ħlief komment u opinjoni personali ta' l-artikolista. U tabilħaqq, fuq dak l-addebitu fl-artikolu ma jissemma xejn li fuqu setgħet kienet bażata dik l-opinjoni, iżda l-addebitu gie magħmul b'affermazzjoni ta' fatt bħala fatt: u mill-provi li saru fil-kawża rriżulta li dik l-akkuża ma għandha xejn mill-veru. Il-fatt li minn numru kbir ta' membri xi ftit ilmentaw mill-kwerelant, għax dehrilhom li ma qdihomx kif kienu jippretendu huma, ma jfisserx li l-kwerelant ma kienx jinteressa ruħu mill-impjegati; għax fil-fatti rriżulta li l-kwerelant kien interessa ruħu

anki mill-każi tagħhom, u ma ddependiex minnu li dawk ma ottenewx dak li riedu; u l-fatt li dawk ix-xogħlijiet ma ħargux soddisfatti b'dak li l-kwerelant għamel ma jfisserx li l-kwerelant bħala segretarju tas-"section" ma kienx iħabbel rasu u jinteressa ruħu għall-impjegati mseħħbin fl-Union;

Fuq l-attribuzzjoni lill-kwerelant ta' sekondi fini egojistiċi u opportuniżmu, il-Qorti tirrileva li s-sens komun u l-ġurisprudenza jaqblu fuq il-karattru offensiv u inġurjuż ta' akkużi simili; u jekk ma jkunux bażati fuq il-verità, jikkostitwixxu diffamazzjoni punibili. U a propożitu ta' dan jaqbel li jiġi mtenni l-kliem li fis-sentenza tiegħu qal Lord Cockburn, in re Campbell vs. Spottiswoode (1863) 3 B & S :— "A line must be drawn between criticism upon public conduct and the imputation of motives by which that conduct may be supposed to be actuated: one man has no right to impute to another, whose conduct may be fairly open to ridicule or disapprobation, base, sordid, and wicked motives, unless there is so much ground for the imputation that a jury shall find not only that he had an honest belief in the truth of his statements, but that his belief was not without foundation............. It is said that it is for the interests of society that the public conduct of public men should be criticised, without any other limit than that the writer should have an honest belief that what he writes is true. But it seems to me that the public have an equal interest in the maintenance of the public character of public men; and public affairs could not be conducted by men of honour, with a view to the welfare of the country, if we were to sanction attacks upon them, destructive of their honour and character, and made without any foundation";

Fil-fatti, ebda fatt ma ġie pruvat biex juri li l-kwerelant fil-kondotta politika tiegħu u fir-relazzjonijiet ma' l-Union kien imġiegħel u mheġġeġ minn opportuniżmu u sekondi fini, kif intqal fl-artikolu inkriminat. Irriżulta li fl-Eżekutiv tal-Partit Laborista daħal fuq invit tal-Leader ta' dak iż-żmien, meta lanqas kien qatt jobsor li għad jagħmel kors ta' studji barra minn Malta, u, sentejn wara li jiġi lura, imut il-professur titolari tal-Kattedra ta' l-Ekonomija Politika fl-Università. Dak il-kors ta' studji l-kwerelant għamlu indipendentement mill-uffiċċju li kellu fil-General Workers' Union; u għalhekk il-Qor-

ti ma tistax tifhem fuq liema bażi l-artikolista mar jattribwixxi lill-kwerelanti l-imġieba ta' opportuniżmu u sekondi fini egojistiċi relativament għall-kandidatura politika tiegħu fl-elezzjoni u għall-kariga li kien jokkupa ta' Segretarju Sezzjonali tal-General Workers' Union. Għaldaqstant l-appellant f'dina l-kawża la pprova l-verità tal-fatti, u lanqas ma wera li dak li ppublika mhuwiex ħlief komment ġust fuq fatti veri;

Fl-aħħarnett, il-Qorti tirrileva li t-ton ta' l-artikolu inkriminat juri biċ-ċar id-dolo; għax il-ħsieb li jwaqqa' lill-kwerelant għar-ridikolu u disprezz huwa evidenti;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-kwerelat appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u tiffissa l-onorarju tad-difensuri għal 15s. għas-seduta tad-9 ta' Diċembru 1950 u għas-seduta tal-lum, u għal 10s. għas-seduta tat-13 ta' dan ix-xahar. Il-Qorti tagħti lill-appellant jumejn żmien għall-ħlas tal-multa.